# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 185/2025/1**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

**Umit Kartal**

Illum it-tmienja (8) ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Umit Kartal**, detentur tal-Passaport Tork bin-Numru U32952663, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar l-24 ta' Frar tas-sena 2025, u/jew fil-ġranet u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data ġewwa ċ-Ċimiterju tat-Torok li jinsab fi Triq Emmanuele Luigi Galizia ġewwa l-Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. volontarjament ta n-nar lil bini, vettura, għarix jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma kien hemm

ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor kien qiegħed b'mod li ma setax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor u dan ir-reat kien aggravat jew motivat fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin u dan sar għad-detriment tal-Gvern Tork u/jew Gvern ta' Malta u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur ta' Artikoli 318 u 325A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor mobbli jew immobbli, liema ħsara kienet iżjed minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) u din il-ħsara saret lill-proprjeta' pubblika u dan ir-reat kien aggravat jew motivat fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin u dan sar għad-detriment tal-Gvern Tork u/jew Gvern ta' Malta u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur ta' Artikoli 325(1)(a) u 325A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi xjentement jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti, ikkaġuna dannu lil jew qered proprjeta' kulturali u dan sar għad-detriment tal-Gvern Tork u/jew Gvern ta' Malta u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 70(1)(a) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma ħallix li ssir jew fixkel funzjoni, ċerimonja jew servizz reliġjuż ta' xi reliġjon tollerata mil-liġi illi jsiru bil-għajnuna ta' ministru tar-reliġjon jew f'lok ta' qima jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku meta l-impediment ikkawża perikolu serju lill-ordni pubblika u dan bi ksur ta' Artikolu 165(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi daħal f'dar jew lok ieħor jew f'reċint b'wieħed mill-mezzi imsemmijin fl-Artikoli 264, 265 u 266 bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil proprjeta' jew xi reat kontra l-persuna kif definit f'Artikolu 5(1)(d) u dan bi ksur ta' Artikolu 330(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi rema', tefa', ħalla jew xort'oħra qattar jew iddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess mingħajr ma kien awtorizzat b'liġi u dan bi ksur ta' Regolamenti 4 u 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40 tal-Liġijiet ta' Malta

7. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Il-Qorti giet mitluba li, f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputat bħala li hu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-imputat id-dispożizzjoni ta' Artikoli 15A u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tħaddem kontra l-imputat id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 532B u/jew ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Finalment, f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika Artikoli 382, 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-partijiet leżi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Marzu 2025, fejn il-Qorti, filwaqt li qieset it-tieni (2) imputazzjoni bħala alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni u għaldaqstant astjeniet milli tieħu konjizzjoni

tagħha, wara li rat Artikoli 49, 50, 165(1), 318, 325A(1) u (2), 330(a), u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 70(1)(a) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta, u Regolamenti 4 u 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu (senjatament tal-imputazzjonijiet bin-numru wieħed (1), tlieta (3), erba' (4), ħamsa (5), sitta (6), sebgħa (7) u tmienja (8)) u konsegwentement ikkundannatu għal piena ta' tliet (3) snin priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef Euro (€5000). B'riferenza għat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-ħati jiġi kkundannat għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali, il-Qorti ċaħdet din l-istess talba wara li qieset li ma rriżultax li ġew maħtura esperti. B'riferenza għat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għad-danni a tenur ta' Artikoli 15A u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rrilevat li ġialadarba a tenur ta' Artikolu 70 tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputat ġie kkunndannat għal multa ta' ħamest elef Euro (€5000) li hija ekwivalenti għall-valur tax-xogħol meħtieġ biex jiġi rrimedjat l-effetti tar-reat, ma ratx il-ħtieġa li tipprovdi ulterjorment u dan sabiex jiġi evitat li l-ħati jiġi ppenalizzat darbtejn għad-danni kkaġunati. Finalment, il-Qorti ordnat li kopja elettronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skont il-liġi.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju 2025, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-ewwel (1), s-sebgħa (7), u t-tmien (8) akkuża, ma ssibux ħati tat-tielet (3), raba' (4), il-ħames (5), u s-sitt (6) akkuża u dan billi tiddikjara wkoll li r-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża huma kompriżi u nvoluti fl-ewwel (1) akkuża u tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fid-9 ta' April 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Marzu 2025.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi u dana wara li din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward tal-ewwel (1), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni u ma ssibux ħati tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni u dan billi tiddikjara wkoll li r-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni huma kompriżi u nvoluti fl-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi fl-uniku aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jisħaq li mingħajr ebda dubju wħud mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu ngħataw bħala alternattivi għal xulxin kif korrettament irrilevat l-Ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ħasset li kellha tissottometti l-imputazzjonijiet tlieta (3) sa sitta (6) jiġu kompriżi u nvoluti fl-ewwel (1) imputazzjoni. Jargumenta li għal dak li jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni, din ma setgħetx tiġi kkunsidrata li hija kompriża u nvoluta fl-ewwel (1) imputazzjoni u jisħaq li dan hu hekk peress li jargumenta li huma żewġ reati distinti fejn l-element morali tad-delitt huwa għal kollox diverġenti.

Illi l-appellant jargumenta li l-element morali li jgħid li hu l-*mens rea* fl-ewwel (1) imputazzjoni trid tkun waħda pożittiva u diretta għaliex hija l-intenzjoni doluża. Jisħaq li l-element morali tat-tielet (3) imputazzjoni hija l-intenzjoni indiretta pożittiva għaliex hija l-intenzjoni kolpuża. Jargumenta li anke kieku dan ma kienx il-każ, xorta ma setax isir l-assorbiment tat-tielet (3) imputazzjoni fl-

ewwel (1) imputazzjoni u dana peress li jargumenta li l-piena kontemplata għat-tielet (3) imputazzjoni hija akbar minn dik kontemplata għall-ewwel (1) imputazzjoni u li għalhekk skont hu ma japplikax il-prinċipju ta' *il piu' comprende il meno.* Jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tilliberah mit-tielet (3) imputazzjoni u dana peress li skont hu din ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni u peress li din kienet l-aktar imputazzjoni serja. Jgħid li dan għandu jiġi rifless fil-piena erogata.

Illi l-appellant jgħid ukoll li l-parti tad-*decide* tas-sentenza appellata tikkonfliġġi ma' dak li tgħid l-Ewwel Qorti meta eżaminat l-imputazzjonijiet sabiex tiddetermina fejn kellha ssib ħtija *o meno.* Jgħid li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li imputazzjonijiet bin-numru tlieta (3) sa sitta (6) kellhom jiġu kkunsidrati bħala kompriżi u nvoluti fl-ewwel (1) imputazzjoni u b'hekk kienet ser tapplika Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li però l-Ewwel Qorti sabitu ħati wkoll tal-imputazzjonijiet bin-numru tlieta (3) sa sitta (6) u ma semmietx l-Artikolu msemmi. Jargumenta li peress li t-tielet (3) imputazzjoni u l-ewwel (1) imputazzjoni huma alternativi, m'huwiex ċar għal liema imputazzjoni ġiet erogata l-piena u dan senjatament jekk kellu jiġi applikat Arttikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kellha tkun il-piena kontemplata fit-tielet (3) imputazzjoni. Jgħid li mill-assjem tal-provi u minn dak dikjarat bil-fomm waqt is-sottomissjonijiet mill-Uffiċjal Prosekutur, huwa (l-appellant) kellu jinstab ħati biss taħt l-ewwel (1) imputazzjoni. Jargumenta li ġialadarba dan l-argument jiġi milqugħ allura dan għandu jiġi rifless ukoll fil-piena mogħtija billi tiġi aġġustata u minimizzata.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta'

Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi stabbilit dan ta' hawn fuq ikun opportun li din il-Qorti tinnota li mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-27 ta' Frar 2025 (*a fol.* 3 *et seq.*) (ċioè dakinhar li l-appellant allura imputat tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti msemmija) jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- l-appellant allura imputat (li kienet debitament assistit minn avukat) irreġistra l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u wara li huwa ngħata żmien sabiex jerġa' jikkonsulta mal-avukat tiegħu u sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu bil-possibilita' li jirtirha, wara li l-kawża ġiet posposta l-appellant allura imputat informa lill-Ewwel Qorti li kellu żmien biżżejjed sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u meta reġa' ġie mistoqsi xi jwieġeb għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, huwa reġa' iddikjara li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu;

- dakinhar il-partijiet infurmaw lill-Ewwel Qorti li kien hemm qbil informali bejniethom dwar il-piena li kellha tiġi nflitta fil-konfront tal-appellant allura imputat fejn qablu li l-piena kellha tkun dik ta' tliet (3) snin prigunerija u multa ta' ħamest elef Euro (€5,000);

- is-Superintendent tal-Partimonju Kulturali ddikjara li l-ammont ta' danni kien dak ta' ħamest elef Euro (€5,000), liema ammont ma ġiex kontestat mid-difiża;

- il-Qorti għamlitha ċara mal-partijiet li ġialadarba l-piena li ġiet maqbula bejniethom kienet il-minimu assolut skont il-liġi, hija rriżervat id-dritt illi ma żżommx ma' dak li kienu ftehmu;

- dakinhar tas-27 ta' Frar 2025, l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-5 ta' Marzu 2025.

Illi meta l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fil-5 ta' Marzu 2025 hija żammet mal-qbil informali li kien sar dwar il-piena bejn il-partijiet ossia tliet (3) snin prigunerija u multa ta' ħamest elef Euro (€5,000).

Illi l-appellant jisħaq li t-tielet (3) imputazzjoni ma setgħetx tiġi kkunsidrata li hija kompriża u nvoluta fl-ewwel (1) imputazzjoni u jisħaq li dan hu hekk peress li jargumenta li huma żewġ reati distinti fejn l-element morali tad-delitt huwa għal kollox diverġenti. Jargumenta wkoll li ma setax isir l-assorbiment tat-tielet (3) imputazzjoni fl-ewwel (1) imputazzjoni u dana peress li jargumenta li l-piena kontemplata għat-tielet (3) imputazzjoni hija akbar minn dik kontemplata għall-ewwel (1) imputazzjoni u li għalhekk skont hu ma japplikax il-prinċipju ta' *il piu' comprende il meno*. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kellha tilliberah mit-tielet (3) imputazzjoni u dana peress li skont hu din ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni u peress li din kienet l-aktar imputazzjoni serja.

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Jannar 2025 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Lamin Jobe** (Numru 597/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fuq imputazzjonijiet relatati ma' drogi qalet is-segwenti:

> "15. Thus, the offence of importation of dangerous drugs is not at law considered to be an alternative offence to that of aggravated possession of the drug, such that were appellant to be acquitted of the first charge, he could very well have been found guilty of the second, and vice-versa. Hence, although there may not be evidence in the case to lead a jury to believe, beyond a reasonable doubt, that the accused actually imported the drugs himself, he could still be found guilty of being in possession of that dangerous drug. Alternatively, although the accused

may not have been found in the material possession of the drugs, he could still be found guilty of importing the same, or of causing the drug to be so imported within the definition laid out by law as cited above.

16. Appellant also contends that the one charge is to be considered as 'kompriż u involut' in the other charge. Now, as decided in the case ***Il-Pulizija vs. Carmelo Farrugia*** on the 11th. of February 2002 by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction:

> ***Biex reat jista' jitqies li hu kompriż u involut f'ieħor, l-ingredjenti kollha ta' l-ewwel wieħed iridu jkun jinsabu fit-tieni wieħed. Kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei fir-rigward ta' dak li jsejjaħlu "reato complesso in senso lato", ikun hemm din il-figura ta' reat "quando un reato, in tutte o in alcune delle ipotesi contemplate nella norma incriminatrice, contiene in se` necessariamente altro reato meno grave". Proprju minħabba l-intenzjoni ossia l-element formali rikjest fir-reat ta' ħsara volontarja minn naħa u ta' ragion fattasi minn naħa l-oħra, iż-żewġ reati jeskludu wieħed lill-ieħor, b'mod għalhekk li ma jistax wieħed minnhom ikun kompriż u involut fl-ieħor.***

17. Thus, from the teachings laid out by jurisprudence, it is evident that the lesser offence must be such as containing the same elements as the graver offence for it to be 'absorbed' into the more serious one. In the case ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Davide Bonanno*** decided on the 4th. of October 2023 by the Court of Criminal Appeal (Superior Jurisdiction), the elements of the offence of the aggravated possession of drugs were listed as being the following:

[…]

This contrast with the elements of the offence of importation as defined above. Consequently, the constitutive elements of the two charges are different and distinct the one from the other such that neither one may be 'absorbed' into the other as appellant contends.

[…]

19. Having thus premised, the Court understands that what appellant is referring to in his grievance is the institute of concurrence of offences or the so-called *concursus delictorum*, with the formal or ideal concurrence, as distinguished from the material concurrence, arises when the same fact or facts give rise to the violation of more than one disposition of the law, in which case there is a finding of guilt for the more serious offence.

20. Now, in this case, although the possession of the drug by accused was carried out as a means for the importation of the same, however, although there is a singleness of purpose, there are several distinct facts which lead to a plurality of offences since appellant was not only in possession of the drug, but he was also in the possession of the drug with the intent to enter into the territory of Malta. As the learned Professor Sir Anthony Mamo states:

> **Where the criminal effects which the agent determines to produce are several it does not matter that the one of them is, in his mind, connected with the other or others as the means to an end: for even so, he has the consciousness that this action is the cause of several offences in as much as he knows that he is producing several distinct criminal events or, in other words, several effects each**

**of which can be contemplated as a distinct offence irrespective of the other or others.**

21. Neither can the offence of importation be considered as an aggravation of the offence of possession of a drug not for personal use, since the two offences cannot be considered to be naturally and legally inseparable such as that they may constitute one single offence, as appellant is suggesting, but in this case the two offences are linked together in an accidental manner created by the offender himself.

22. The prosecution of two offences against appellant in this case can only amount to a real or material concurrence of offences as envisaged in article 17 of the Criminal Code, with the offender necessarily having to answer for each and every one of them, the mitigation applying solely with regard to the punishment to be inflicted, and does not in any way have a bearing on the finding of guilt for such offences. Consequently, the grievance put forward by appellant is legally and juridically unfounded and the Court cannot accede to his request and revoke the finding of guilt for the second charge brought against him."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu tinnota mal-ewwel li ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant fl-aggravju in eżami speċifikament meta jsosni li kellu jiġi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu. Din il-Qorti tgħid dan peress li fl-ewwel lok, meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tillibera lill-appellant allura imputat minn xi imputazzjoni – l-aktar li setgħet tagħmel huwa li tastjeni milli tieħu konjizzjoni minn xi imputazzjoni li titqies li hija alternattiva bħal ma *del resto* għamlet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, pero' tillibera qatt. Fit-tieni lok għandu jingħad li ma jirriżultax li t-tielet (3) imputazzjoni ngħatat bħala alternattiva għall-ewwel (1)

imputazzjoni u dana peress li dak li l-appellant allura imputat ġie akkużat bih fl-ewwel (1) imputazzjoni huwa differenti minn dak li huwa ġie akkużat bih fit-tielet (3) imputazzjoni. Filwaqt li l-ewwel (1) imputazzjoni tirrigwarda ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies, it-tielet (3) imputazzjoni tirrigwarda ħsara volontarja jew qerda ta' proprjeta' kulturali. Din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti għamlet sew li qieset it-tielet (3) sas-sitt (6) imputazzjoni bħala kompriżi u nvoluti fl-ewwel (1) imputazzjoni u dana meħud in konsiderazzjoni dak li l-appellant allura imputat ġie akkużat bih fihom.

Illi fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant din il-Qorti tinnota li piena ta' tliet (3) snin prigunerija hija l-minimu li l-Ewwel Qorti setgħet tagħti fiċ-ċirkostanzi. Fir-rigward tal-multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) li l-appellant allura imputat ġie kkundannat iħallas mill-Ewwel Qorti huwa ċar daqs il-kristall li peress li s-Superintendent tal-Partimonju Kulturali ddikjara quddiem l-Ewwel Qorti li l-ammont ta' danni kien dak ta' ħamest elef Euro (€5,000) (liema ammont *del resto* ma ġiex kontestat mid-difiża), l-Ewwel Qorti żammet ma' dak li jipprovdi l-*proviso* ta' Artikolu 70(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Kull min:
>
> (a) xjentement, jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti jikkaġuna dannu lil jew jeqred proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xi inventarju skont dan l-Att, u kemm jekk is-sid ta' tali proprjetà ta' patrimonju kulturali jkun il-persuna li tkun ikkaġunat il-ħsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qegħda tamministraha b'mod leġittimu;
>
> [...]
>
> għandu jkun ħati ta' reat kontra dan l-Att u għandu jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn

euro (€2,000) u li ma taqbiżx mitejn u ħamsin elf euro (€250,000), jew priġunerija għal terminu li ma jaqbiżx sitt (6) snin, jew għal dik il-multa u priġunerija:

Iżda, bla ħsara għall-ogħla multa hawn aktar qabel imsemmija, l-inqas multa li ħati jista' jeħel taħt dan l-artikolu m'għandhiex tkun inqas mill-valur ta' xi xogħol meħtieġ biex jirrimedja l-effetti tar-reat." [emfażi miżjuda]

Illi in fatti fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 42):

"B'referenza għat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għad-danni a tenur tal-Artikoli 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tirreleva li ġaladarba a tenur tal-Artikolu 70 tal-Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputat ġa ġie ikkundanat għal multa ta' Eur. 5000 li hija ekwivalenti għall-valur tax-xogħol meħtieġ biex jiġi rrimedjat l-effetti tar-reat, ma tarax il-ħtieġa li tipprovdi ulterjorament u dan sabiex jiġi evitat li l-ħati jiġi ppenalizzat darbtejn għad-danni kkaġunati."

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti u meħud in konsiderazzjoni wkoll dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għandu jingħad ukoll li din il-Qorti ma tqisx li l-piena (inkluż il-multa) erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat bħala eċċessivi, anzi huma fil-minimu li setgħu jingħataw. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Umit Kartal u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**